**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 65** **22 ta' Awwissu, 2023**

Il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil-Binja tal-Kunsill, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it- 22 ta' Awwissu fil-4:30 ta' waranofsinhar.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | – | Sindku |
| Stephen Caruana | _ | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | – | Kunsillier |
| Dr Mary Muscat | _ | Kunsillier |

**ASSENTI B'APPOLOĠIJA:**

Elenia Desira - Viċi Sindku

**ASSENTI:**

Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Scicluna - Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **65.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġija** |
| 65.1.1 | Għal-laqgħa datata għat-22 ta' Awwissu l-Viċi Sindku Sa. Elenia Desira kienet assenti b'apoloġija.<br>Il-Kunsilliera Dr. Mary Muscat attendiet 'online' |
| | |
| **65.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti** |
| 65.2.1 | Il-minuti ta' seduta numru 63 u 64 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. |
| 65.2.2 | Il-minuti ġew approvati b'mod unanimu. |
| | |
| **65.3** | **Komunikazzjonijiet mis-Sindku.** |
| 65.3.1 | Is-Sindku qal li flimkien ma' Segretarju Eżekuttiv attenda għal laqgħa ġewwa l-Ministeru ta' l-Ambjent, Enerġija u l-Intrapriżi, fejn hemm ġew diskussi ħafna punti fosthom il-problema ta' drenaġġ li hemm fi Triq San Franġisk.<br><br>Il-bżonn ta' tibdil tal-arbli ta' dawl tul Xatt is-Sajjied, minn faċċata tal-knisja sa fejn hemm il-latrina pubblika li qiegħda faċċata ta' Torri Vendome. Dawn għandhom isiru bħal dawk li hemm il-Magħluq. Is-Segretarja Eżekuttiva bagħtet talba uffiċċjali lil Enemalta.<br><br>Ġie diskuss ukoll li qiegħed ikollna ħafna talbiet ta' dokument mill-'Projects Green', li jridu jkunu mwieġba fi żmien qasir għal 'Park' li hemm propost il-Kavallerizza. Qalulna li ħa jieħdu nota u hekk ikollna xi diffikultà inkellmuhom. |
| 65.3.2 | Is-Sindku informa li flimkien ma' Segretarju Eżekuttiv illum 22 ta' Awwissu attenda għal-laqgħa ġewwa l-Ministeru ta' Arti, Kultura u Gvern Lokali fejn mal-Ministru iddiskuta ilmenti li l-kunsill ikollu.<br>L-ewwel punt kien dak ta' dgħajjes li jagħmlu l-vjaġġi. It-Transport Malta kienet qiegħda tirrikorri għall-kunsill f'kull laqgħa biex tissolva din il-problema li nħolqot. Is-sindku sostna li ma jħossux li għandu jidħol minħabba li l-permessi nħarġu minn Transport Malta stess.<br><br>Iddiskuta wkoll il-Monti ta' fost il-Ġimgħa, dan minħabba li riċentament il-Kunsill ġie fi qbil li dan isir b'qis wieħed ta' 15-il pied għal kulħadd. Meta l-kunsill kien ser jimmarka l-posti mal-art beda jirċievi ħafna telefonati u ilmenti.<br><br>Is-Sindku tkellem mal-Ministru rigward il-'Master Plan' fejn irrimarka li dan ikun ta' għajnuna kbira u jixtieq li fil-pjan ikun inkluż li r-restoranti jarmaw in-naħa ta' mad-djar filgħodu ħalli s-sajjied ikollu in-naħa tax-xatt fejn jaħdem. Ir-restoranti jistgħu jarmaw in-naħa tax-Xatt kif iżarma il-Monti ta' filgħodu.<br>Ġie diskuss ukoll li fejn hemm il-Koperattiva tas-sajd li m'għadhiex topera titneħħa u minflok tingħata lis-sajjieda għal użu tal-ġbid ta' dgħajjes. |

| | |
|---|---|
| | Is-Sindku semma wkoll Triq San Franġisk fejn qallu li hemm bżonn 'culvert' u l-Ministru qallu li ħa jitkellem mal-Ministru Stefan Zrinzo biex jara x'jista' jsir. Is-Sindku ppropona wkoll li ssir anke l-biċċa minn Triq Arznell, fejn hemm il-'Bus Stop' u l-kunsill jagħmel il-bankina flimkien mal-għajnuna tal-'Public Works'.<br><br>Is-Sindku ddiskuta l-proposti li għandu rigward il-binja l-ġdida tal-Kunsill. Semma l-'hostel' li hemm ġewwa l-iskola, kif ukoll il-binja li kienet tintuża mill-Università li parti minnha ittieħdet biex saret il-berġa. Din il-binja qiegħda f'idejn l-Università. Il-Ministru Bonnici qal li ħa jara tistax tingħata lill-Kunsill.<br><br>Tqajjem ukoll il-fatt li hemm bżonn ta' mezz alternattiv kif issir it-Triq biex ma titmissx il-Barumbara u li hemm diskussjoni għaddejja bi proposti ma' Transport Malta.<br><br>Il-Ministru Bonnici semma li ntbagħtu proposti ta' kif ġejja t-Tinda u l-Għajn tal-Ħasselin, fejn is-sindku qal li d-disinji mibgħuta lill-Kunsill ġew approvati b'mod unanimu mill-Kunsill kollu. Is-Sindku talab lill-Ministru biex issir statwa ta' mara qiegħda taħsel, fejn il-Ministru wieġeb li jipproġetta għaliha wara li titlesta t-Tinda u biex safrattant il-Kunsill isib xi diżinji ta' din l-istatwa.<br><br>It-Torri Vendome ħa jiġi rrestawrat mill-Ministeru ta' Hon Bonnici u wara ħa jkun mgħoddi lill-Kunsill biex jintuża bħala Mużew Marittimu ta' Marsaxlokk.<br><br>Dr. Muscat hawn staqsiet hekk nistgħux noħorġu sejħa għall-artisti Xlukkajri biex jagħmlu disinn huma. Is-Sindku wieġeb li kieku tkun idea sabiħa imma ma tantx ikollna korrispondenza, imma ħa jgħaddi is-suġġeriment.<br><br>Il-Kunsilliera Dr. Muscat staqsiet hekk it-Torri Vendome jistax jintuża bħala binja tal-Kunsill, fejn is-Sindku wieġeb li huwa diffiċli bħala aċċess minħabba li fih it-taraġ u għax kull ma fih żewġ kmamar kbar u jkun żgħir għal dak il-għan.<br><br>Is-Sindku qal ukoll li talab lill-Ministru Bonnici sabiex jerġa jdur iż-żebgħa tan-niċċa tar-Redentur li kien irrestawra ftit ta' snin ilu. |
| 65.3.3 | Is-Sindku talab għall-approvazzjoni biex il-Kunsill jerġa jħallas il-miżata tal-GalXlokk minħabba li ġieli kienet ta' użu għall-Kunsill kif ukoll għall-Parroċċa. |

| **Isem** | **Iva** | **Le** | **Astensjoni** |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | X | | |
| Elenia Desira | Assenti | Assenti | Assenti |
| Dr. Mary Muscat | X | | |
| Stephen Caruana | X | | |
| Daniel Zerafa | X | | |

Kien hemm votazzjoni unanima favur it-tiġdid tal-miżata.

<table>
<tr>
<td>65.3.4</td>
<td>
Is-Sindku semma li s-Surmast bagħat email fejn talab li l-Kunsill jaqsam miegħu l-ispiża finanzjarja biex l-ewwel ġurnata tal-iskola jagħmel attività għall-istudenti.
Il-Kunsilliera Dr. Muscat irrimarkat li hi xtaqet tagħmel xi attività mal-iskola għall-ewwel ġurnata u staqsiet x’ħa tkun tinvolvi din l-attività. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li ħa jkun hemm żewġ ‘Mascots’ flimkien ma’ ‘face painting’ għall-istudenti huma u deħlin l-iskola.
<table>
<tr><th>Isem</th><th>Iva</th><th>Le</th><th>Astensjoni</th></tr>
<tr><td>Steven Grech</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Elenia Desira</td><td>Assenti</td><td>Assenti</td><td>Assenti</td></tr>
<tr><td>Mary Muscat</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Stephen Caruana</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Daniel Zerafa</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
</table>
Il-votazzjoni kienet dik unanima li jingħataw nofs l-ispejjeż involuti għal din l-attività.
</td>
</tr>
<tr>
<td>65.3.5</td>
<td>
Is-Sindku semma l-fatt li hemm problema bl-‘skips’ ta’ restoranti u jixtieq li dawn jiġu organizzati sew. Qiegħed ikun hemm ħafna ħmieġ madwar il-Palm, saħansitra hemm min qiegħed ipoġġi anke ‘freezers’ fejn il-Palm. Infatti ħa jsiru ‘barriers’ mad-dawra tal-Palm biex ħadd ma’ jkun jista’ jagħmel xejn magħhom.
Hu semma li għandu pjan li dawn l-‘skips’ jiġu kollha l-istess u jiġi anke mifrud l-iskart ta’ ġo fihom , dan wara laqgħa bejn il-kunsill, l-ERA u l-pulizija tal-komunità.<br>Dawn imbagħad iridu japplikaw għal permess tal-‘skip’ mal-kunsill u l-‘skips’ iridu jinżammu in-naħa tal-‘promenade’ fejn ikun identifikat mill-Kunsill.
Il-Kunsillier Daniel Zerafa staqsa hekk dawn l-‘skips’ jistgħux isiru komuni u mhux ‘skip’ għal kull restorant. Is-Sindku qal li din ħa tiġi diskussa l-quddiem.
</td>
</tr>
<tr>
<td>65.3.6</td>
<td>
Is-Sindku jirrimarka dwar Jum Marsaxlokk li se ssir il-Ħadd filgħodu fl-1 ta’ Ottubru u l-‘Fish Feast’ ħa ssir fi 30 ta’Settembru.<br>Is-Sindku talab għall-votazzjoni fejn il-Kunsillier Zerafa stqar li hu għandu kunflitt ta’ interess.
<table>
<tr><th>Isem</th><th>Iva</th><th>Le</th><th>Astensjoni</th></tr>
<tr><td>Steven Grech</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Elenia Desira</td><td>Assenti</td><td>Assenti</td><td>Assenti</td></tr>
<tr><td>Mary Muscat</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Stephen Caruana</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Daniel Zerafa</td><td>Kunflitt ta’ Interess</td><td>Kunflitt ta’ Interess</td><td>Kunflitt ta’ Interess</td></tr>
</table>
Ġie deċiż li Jum Marsaxlokk issir nhar il- Ħadd 1 ta’ Ottubru, filgħodu.
Ħa tintbagħat email lill-għaqdiet biex jinnominaw lil min jixtiequ huma.<br>Is-Sindku semma li hu għandu persuna f’moħħu (il-kunsilliera kienu mgħarfa min hu dan) u talab għall-votazzjoni hekk għandux jiġi nominat.
</td>
</tr>
</table>

<table>
<tr><td></td><td>
<table>
<tr><th>Isem</th><th>Iva</th><th>Le</th><th>Astensjoni</th></tr>
<tr><td>Steven Grech</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Elenia Desira</td><td>Assenti</td><td>Assenti</td><td>Assenti</td></tr>
<tr><td>Mary Muscat</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Stephen Caruana</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Daniel Zerafa</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
</table>
Kien hemm qbil unanimu li għandu jiġi nominat il-persuna li ssuġġerixxa s-sindku.
Is-Sindku rrimarka li wara li jidħlu n-nominazzjonijiet, issir laqgħa b’urġenza.
</td></tr>
<tr><td>65.3.7</td><td>Is-Sindku Grech semma li ċemplitlu ġurnalista rigward l-inċident li seħħ f’ ‘Saint Peter’s Pool’ u staqsietu għala m’hemmx tabelli biex jinfurmaw lin-nies biex ma jaqbżux. Is-Sindku wieġeb li hemm ilu hekk snin u anke jekk jitwaħħlu t-tabelli min irid jaqbeż, xorta ħa jaqbeż għax hemm min dejjem hekk kien.</td></tr>
<tr><td>65.3.8</td><td>
Is-Sindku informa li l-Kunsill irċieva talba min ‘Doninu’ dan magħmul min grupp ta’ nies voluntiera, li jagħmlu attivitajiet volontarji għall-fondazzjonijiet bħal Hospice, Richmond Foundation u għaqdiet simili. Dawn kull ma qegħdin jitolbu li nirriklamaw l-attivitajiet li jkunu qegħdin jagħmlu permezz tal-‘Facebook’ tal-Kunsill jew jekk ikollhom xi attività li jixtiequ jagħmlu Marsaxlokk u dejjem tkun kollox skont il-liġi, jingħataw ‘no objection’.
<table>
<tr><th>Isem</th><th>Iva</th><th>Le</th><th>Astensjoni</th></tr>
<tr><td>Steven Grech</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Elenia Desira</td><td>Assenti</td><td>Assenti</td><td>Assenti</td></tr>
<tr><td>Mary Muscat</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Stephen Caruana</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Daniel Zerafa</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
</table>
</td></tr>
<tr><td>65.3.9</td><td>Is-Sindku Steven Grech xtaq jiċċara li l-arloġġ tal-parroċċa kien hu li sab l-għajnuna biex jissewwa u dan sar bil-għajnuna ta’ nies minn barra u ma ntużawx il-fondi tal-Kunsill, però xtaq li x-xogħol li sar jsir f’isem il-Kunsill Lokali.</td></tr>
<tr><td>65.3.10</td><td>Is-Sindku semma li avviċinawh għaqda li jieħdu ħsieb l-Għarmar tal-festa u urew ix-xewqa li jagħmlu fustun u arblu biex issir bandiera fejn l-istatwa ta’ Santu Kristu. L-Għaqda tal-armar ħa jagħmlu ġabra għall-fustun u għall-bandiera. Is-Sindku f’isem il-kunsill ħa jara jsibx għajnuna biex xi ħadd jagħmel blokka tal-konkos u ħadid.</td></tr>
<tr><td></td><td></td></tr>
<tr><td>65.4</td><td>Mistoqsijiet mill- Kunsilliera.</td></tr>
</table>

<table>
<tr><td>65.4.1</td><td>Il-Kunsilliera Dr. Muscat staqsiet hekk tal-linja tistax tibda tidħol il-Port Ruman.<br>Hawn ġie deċiż li ħa tintbagħat email lil TM fejn issir talba biex ir-rotta tat-trasport pubbliku numru 85, 210 u 119 jibdew jidħlu Triq il-Port Ruman.</td></tr>
<tr><td>65.4.2</td><td>Il-Kunsillier Stephen Caruana staqsa kif se nibqgħu fuq Triq Axtart minħabba li hemm siġra li qiegħda fuq il-passaġġ tal-bankina u meta jkun il-maltemp qiegħda tikkawża qtugħ ta' dawl.<br>Ġie deċiż li tintbagħat email lill-ERA fejn tintalab li titneħħa din is-siġra bl-iskop li issir il-bankina u anke minħabba l-fatt li qiegħda tikkawża qtugħ ta' dawl meta jkun ir-riħ jew maltemp.</td></tr>
<tr><td>65.4.3</td><td>Il-Kunsillier Daniel Zerafa staqsa fuq Triq Bartolo Lungo biex jara kif bqajna fuq il-proposta tal-pjanta l-ġdida.<br>Is-sindku wieġeb li rċieva pjanta oħra imma ma għoġbitux għall-fatt li tnaqqas l-ammont ta' parkeġġ.</td></tr>
<tr><td>65.4.4</td><td>Il-Kunsillier Zerafa staqsa fiex wasal ix-xogħol tal-bankina fi Triq l-Arznell.<br>Is-sindku qal li din il-ġimgħa għandna nirċievu l-permess mit-Transport Malta u jista' jkompli x-xogħol.</td></tr>
<tr><td></td><td></td></tr>
<tr><td>65.5</td><td>Sleeping Police fi Triq Melqart.</td></tr>
<tr><td>65.5.1</td><td>Il-kunsill irċieva talba għal 'sleeping police' fi Triq Melqart minħabba li qegħdin iseħħu ħafna inċidenti. Din it-triq hi perikoluża u l-kunsill ilu jibgħat 'emails' fuqha lil Transport Malta. Is-Sindku u l-Kunsillier Stephen Caruana semmew li kien hemm diġà 'sleeping police' hemm u residenti kienu talbu li titneħħa. Il-Kunsill ħa jibgħat jinforma lil Transport Malta tal-aħħar rigward il-periklu li hemm f'din it-triq fejn nerġgħu nsemmu li hemm ħafna periklu.<br><br>Is-sindku talab għal votazzjoni:<br>
<table>
<tr><th>Isem</th><th>Iva</th><th>Le</th><th>Astensjoni</th></tr>
<tr><td>Steven Grech</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Elenia Desira</td><td>Assenti</td><td>Assenti</td><td>Assenti</td></tr>
<tr><td>Mary Muscat</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Stephen Caruana</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Daniel Zerafa</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
</table></td></tr>
<tr><td></td><td></td></tr>
<tr><td>65.6</td><td>Planning Authority</td></tr>
</table>

| | |
|---|---|
| 63.6.1 | Il- Kunsill ma' għandu l-ebda oġġezzjoni xi jressaq. |
| | |
| **65.7** | **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti** |
| 65.7.1 | Skeda tal-pagament No 08/23 u petty cash. Propona Stephen Caruana u Dr. Mary Muscat issekondat. Din ġiet approvata b'mod unanimu bejn dawk preżenti. |
| | |
| **65.8** | **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 65.8.1 | Is-seduta ntemmet fil-5:41p.m wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għat- 22 ta' Settembru 2023, fl-4:30p.m.<br><br>Ġie miftiehem li l-Kunsill ħa jerġa' jintlaqa għal-laqgħa b'urġenza fil- 11 ta' Settembru 2023, fl-4:30pm |
| | |

Konfermati, illum 22 ta' Settembru , 2023.

**IFFIRMATA**

________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**IFFIRMATA**

________________________

**Karen Scicluna**
*Segretarju Eżekuttiv*